MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 161/2012

**Manuel *sive* Emanuel Zammit**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fis-16 ta' Frar 2012 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru sitta, erbgħa, erbgħa, tlieta tas-sena elf disa' mija tnejn u erbgħin (6443/1942) anness u mmarkat bħala Dok A, l-isem tiegħu huwa ndikat bħala "Manuel".

Illi fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru wieħed tnejn zero disgħa

tas-sena elf disa' mija sitta u sittin (1209/1966) anness u mmarkat bħala Dok B, l-isem tar-rikorrent huwa ndikat bħala "Emmanuel".

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti, Maureen, maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bim-numru wieħed wieħed ħamsa tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (115/1968) anness u mmarkat bħala Dok C, l-isem tar-rikorrent huwa ndikat bħala "Emanuel".

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' bint l-oħra tar-rikorrenti, Stephanie, maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku bin-numru sitta zero tlieta tas-sena elf disa' mija tlieta u sebgħin (603/1973) anness u mmarkat bħala Dok D, l-isem tar-rikorrent huwa ndikat bħala "Emmanuel".

Illi minn meta twieled ir-rikorrent dejjem kien magħruf bl-isem "Emanuel" u konsistentement kien imsejjaħ u magħruf bih u dan kif ser jirriżulta mill-provi u waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi l-familjari u ħbieb tal-istess rikorrenti kif ukoll martu li ilha miżżewġa lilu għal aktar minn erbgħin sena, u anke l-istess uliedu, kollha jafuh bl-isem ta' "Emanuel".

Illi *nonostante* dak li ngħad fil-premessa preċedenti, l-att ta' twelid tar-rikorrenti juri l-isem "Manuel", filwaqt li ċ-Ċertifikat taż-Żwieġ u ċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' waħda minn uliedu juru l-isem "Emmanuel". Huwa biss fiċ-Ċertifikat tat-Twelid ta' bintu Maureen li l-isem huwa korrettement indikat bħala "Emanuel".

Illi tali inkonsistenza kkawżat u qed tikkawża diffikultajiet prattiċi lir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti għandu nteress skont il-liġi, *inter alia ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 li ssir id-debita korrezzjoni.

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, qed jiġi umilment mitlub lil din l-Onorabbli Qorti li:

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrent huwa konsistentement magħruf huwa "Emanuel" u mhux "Manuel" jew "Emmanuel";

2. Tordna sabiex jiġi korrett iċ-ċertifikat tat-twelid, anness u mmarkat bħala Dok A maħruġ mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, bin-numru sitta, erbgħa erbgħa tlieta tas-sena elf disa' mija tnejn u erbgħin (6443/1942) fis-sens li kull fejn hemm indikat l-isem "Manuel", jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Emanuel";

3. Tordna sabiex jiġi korrett iċ-ċertifikat l-att taż-żwieġ bin-numru tar-reġistrazzjoni 1209/1996, kif ukoll l-att tat-twelid ta' bint ir-rikorrenti Stephanie, bin-numru ta' reġistrazzjoni 603/1973, fis-sens li kull fejn hemm indikat l-isem "Emmanuel", jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem " Emanuel";

4. Tordna li dan il-bdil effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv fejn jidher isem ir-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-23 ta' Marzu 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea preliminari* jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f’dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Emanuel kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti jrid iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits ta’ familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement imsejjaħ bħala “Emanuel” u mhux “Manuel” jew “Emmanuel”;

4. Illi bla ħsara għal premess biex ir-raba’ talba attriċi tkun tista’ tintlaqa’ r-rikorrenti, a tenur tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, għandu jispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li huwa qiegħed jagħmel riferenza għalihom;

5. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti Nazzareno Azzopardi, ir-Rev. Innocenzo Borg u r-rikorrenti stess li għamlu d-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid bin-numru 6443/1942, l-Att taż-Żwieġ bin-numru 1209/1966 u l-att tat-twelid bin-numru 603/1973 rispettivament u kienu anke ffirmaw li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-20 ta’ April 2012, fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija evidentement ġustifikata billi kif huwa dejjem issejjaħ **"Emanuel"** li fil-fatt hija l-mod kif għandu jinkiteb l-isem billi **"Manuel"** hija abbrevjazzjoni tal-isem **"Emanuel"**. Pero' jidher ċar li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk) u għalhekk ma għandux ibati spejjeż. Hija ġustifikata ukoll ir-raba' eċċezzjoni billi s-sub-inċiż (3) tal-Artikolu 253 imsemmi jgħid ċar li għandu jkun speċifikat kull att li l-attur jitlob korrezzjoni tiegħu.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-ewwel tlett talbiet attriċi kif dedotti, iżda tiċħad ir-raba' talba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------